PDF Compressor Pro



Mons. Carmelo Hili jaqra l-Vanġelu waqt il-Konċelebrazzjoni tal-okkażjoni

80! Ad Multos Annos, Eċċellenza!

L-Azzjoni Kattolika organizzat ċelebrazzjoni lill-Isqof Nikol Cauchi fl-okkażjoni tat-80 sena tiegħu. L-idea ntlaqgħet tajjeb. Is-sala tad-Dar Ċentrali kienet mimlija sew u kulħadd ipparteċipa bi sħiħ, anki bl-għajnuna tal-Grupp tal-Kitarri mmexxi minn Bernardette Vella u l-*powerpoint presentation* imħejjija minn Christabelle Formosa. Il-programm ta' qrib sagħtejn kien imżewwaq b'żewġ poeżiji, waħda ta' Ġanninu Cremona (li anki pprepara *feature* li matulu membri li jirrapreżentaw id-diversi Friegħi tkellmu dwar l-esperjenza tagħhom fl-Għaqda u dwar ħidmet Mons Cauchi) u oħra mill-Kavallier Joe M. Attard.

Il-President Manuel Saliba ppreżenta lill-Isqof Mario Grech



Iċ-ċkejkna Marika Formosa minn Santa Luċija, Għawdex, tidher tippreżenta lil Mons Isqof Cauchi l-bukkett spiritwali f'isem il-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika



Ġanninu Cremona, (tal-Kaptan), mir-Rabat, Għawdex, jaqra poeżija li kiteb għall-okkażjoni

ċekk bħala l-ewwel kontribuzzjoni tal-Azzjoni Kattolika lill-Fundazzjoni li għadha kemm twaqqfet mid-djoċesi biex waqt li żżomm ħajja t-tifkira tal-Isqof Cauchi, tippromwovi d-djalogu bejn il-fidi u l-kultura. Wara l-Quddiesa kkonċelebrata miż-żewġ Isqfijiet u tmien Assistenti Ekklesjastiċi oħra, iċ-ċkejkna Marika Formosa qrat lil Mons Cauchi bukkett spiritwali f'isem il-membri kollha u Manuel Saliba tah *frame* tal-fidda biex ipoġġi ritratt ta' tifkira. Fl-Omelija, l-Isqof Emeritus enfasizza l-bżonn li nħobbu u niddefendu 'l-Knisja u li nfittxu nieħdu formazzjoni.




Il-President tal-Azzjoni Kattolika, Manuel Saliba jidher jippreżenta frame tal-fidda lil Mons Isqof Cauchi



Uħud mill-membri tal-Azzjoni Kattolika preżenti għaċ-ċelebrazzjoni f'egħluq snin Mons Isqof Cauchi

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Ħsarat fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, li ftit ftit qed jiġu restawrati

Xogħol ta' Konservazzjoni u Restawr

F'dan iż-żmien il-parroċċa tax-Xagħra tinsab għaddejja minn ħidma ta' konservazzjoni u restawr tal-kappella ddedikata lil San Mawrizju. Ix-xogħol jinvolvi żebgħa, induratura bid-deheb, stallazzjoni ta' twieqi *stained-glass* u restawr tal-pittura. Ix-xogħol qed isir min-nies lokali taħt is-superviżjoni tar-restawratur, Manwel Zammit, u r-restawr tal-pittura mill-istess Zammit.


Il-pittura, inkluż il-kwadru tal-artal, hija xogħol tal-artist Virginio Monti u saret fl-1930.



Manwel Zammit waqt ix-xogħol ta' restawrazzjoni fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina



Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna

PDF Compressor Pro

"Il-Futur tal-Familja":

Avventura li mhijiex faċli tgħix

minn Charmaine Craus

L-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Mario Grech, qal li waħda mill-akbar sfidi tas-soċjetà llum hija l-familja u ddeskriviha bħala avventura li mhux faċli tgħixha. Meta kien qiegħed jindirizza l-konferenza "Il-Futur fil-Familja", fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Familja u f'egħluq l-ewwel sena ta' ħidma ta' "Proġett Impenn", l-Isqof qal li biex inġibu 'l quddiem il-valur uman, irridu nifhmu x'inhi d-definizzjoni tal-kelma familja.

"Il-futur tal-familja huwa wieħed imċajpar jekk wieħed ma jkollux din il-viżjoni f'moħħu," żied jgħid Monsinjur Grech u kompla li huma preokkupanti ċ-ċifri ta' żwiġijiet li qed jonqsu, seperazzjonijiet u divorzju li qed jiżdiedu filwaqt li qegħdin jiżiedu wkoll il-koabitazzjoni u ż-żieda tad-diversi forom ġodda ta' konvivenza.

Minkejja li mhux kulħadd jaqbel li dawn il-fatti, li qegħdin iwasslu wkoll għal eluf ta' każi ta' twelid barra ż-żwieġ, qed iwasslu għat-tendenza tal-frammentazzjoni tal-




L-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech

familja jew il-ħarba minnha. Huwa fatt ċert, żied jgħid l-Isqof, li qed ikun hemm tibdil radikali dwar liema mudell ta' ċiviltà qiegħed jintgħażen fl-Ewropa. Huwa semma wkoll kif l-Ewropa kienet turi ħafna interess lejn il-familja, iżda llum, l-affarijiet inbidlu u hemm sinjali li juru li l-Ewropa llum għażlet it-triq tan-newtralità jew indifferenza etika. "Kulma jmur, id-definizzjoni tal-familja qed issir dejjem aktar likwida, iżda filwaqt li hemm tentattivi fejn il-familja fil-mod tradizzjonali tagħha qed tiġi eliminata, qed jinħolqu wkoll forom ġodda ta' familji. Dan ifisser li s-soċjetà qiegħda tesprimi l-bżonn li jkun hemm definizzjoni ġdida ta' x'inhi familja."

Huwa qal li l-Knisja temmen li ż-żwieġ u l-familja huma ta' ġid fundamentali għall-individwu u s-soċjetà. Ġie kkunsidrat ukoll li għal ħafna snin kienet il-Knisja li għenet lil dawk li sabu diffikultajiet fil-ħajja taż-żwieġ u lil uliedhom.

Dak kollu li jdgħajjef u jkisser iż-żwieġ u l-familja, bħall-koabitazzjoni u d-divorzju, għalkemm jistgħu jidhru li jsolvu xi diffikultajiet lill-individwi, għandhom konsegwenzi serji u fit-tul fuq il-ġid komuni tas-soċjetà tagħna.

Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Carm Mifsud Bonnici qal li llum, numru akbar ta' familji daħlu fl-għatba tal-Qorti. Huwa qal li l-figuri jindikaw li għalkemm hemm numru ta' talbiet għas-separazzjoni, dawn il-figuri ma splodewx. Il-fatti jindikaw b'mod ċar li ż-żwieġ għadu



Il-familja li tieħu gost flimkien

b'saħħtu fil-komunità Maltija, iżda hemm bżonn ta' iktar impenn.


L-istatistika turi li kull sena jidħlu madwar 682 każ ta' separazzjoni. Jidher ukoll li l-medjazzjoni qiegħda tikber. Minn 390 kuntratt li ġew konklużi fl-2004, fl-2008 telgħu għal 533.

Id-Deputata Laburista Marie Louise Coleiro Preca qalet li llum, il-modi ġodda ta' xogħol qegħdin ibiddlu l-istil ta' ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin. Hija qalet li ma nistgħux ninjoraw it-theddida li ċerti tibdiliet qegħdin iħallu fuq is-soċjetà, billi dawn qegħdin jaffetwaw b'mod direct lil-familji.

Dan qiegħed iwassal biex iżjed nisa qed ikollhom joħorġu jaħdmu biex ilaħħqu mal-bżonnijiet finanzjarji, bil-konsegwenza li t-trobbija tal-ulied qed tispiċċa titħalla f'idejn ħaddieħor.

Hija qalet li dawn l-esiġenzi qegħdin iwasslu għall-qerda tal-familja fil-mod tradizzjonali tagħha.

TISLIBA



"GĦ" u "IE" jistgħu jkunu f'kaxxa waħda

MIMDUDIN:-

1. Tebgħa, ġerħa, pjaga. (5)
3. Kellu l-piż, jiżen ..... (6)
6. Kulur qalbu ħażina. (5)
8 u 18. Speċi ta' kikkra wies għa bla widna. (4)
9. Barkun b'qiegħ lixx bla arbli. (6)
11. Ruman sar mara u qaleb ismu. (5)
12. Ta' dahrek, ta' xi ħuta jew ta' bajtra. (5)
15. Ħasad, tajjar min-nofs, qalfat. (6)
18. Ara 8 mimdudin. (4)
19. Nefħa mniġġsa wara rifsa, bużżieqa nfettata. (5)
20. Moda, drawwa, għemil taż-żmien. (6)
21. Livelli, titli universitarji, kariga ta' rank. (5)

WEQFIN:-

1. Suldat jew pulizija, annimal kbir ikraħ joħroġ in-nar minn imnifsejh. (6)
2. Ftuħ, l-ewwel li jsir, intro duzzjoni. (4)
3. Tkelmet ma' xi ħadd; labal bet. (5)
4. Biex tikteb b'din trid klamar. (5)
5. Linja tax-xarabank. (5)
7. Skart, imbarazza, ħwejjeġ qodma. (6)
10. Għandna l-ħajra, riedet, tħajret. (6)
13. Ħnejja, ġebel impoġġi nofs qamar. (6)
14. Jekk temmen tafha din it-talba. (5)
15. Tista' tkun tal-kaboċċa jew ħassa. (5)
16. Nikluha ratba, ħadra u niexfa iebsa. (5)
17. Kamra formali bħal tal-pranzu. (4)



SOLUZZJONI TAL-ĠIMGĦA L-OĦRA

Festa tal-Madonna Ta' Pompej

minn Għawdex kitba u ritratti ta' Charles Spiteri

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna Ta' Pompej, iffestiġġjata fis-Santwarju ddedikat lilha, fir-Rabat, Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, irreċta s-Supplika tal-Madonna Ta' Pompej u mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' ċerimonja tat-tberik u t-tqas-



Mons Isqof Cauchi jagħti l-Barka Sagramentali wara li rreċta s-Supplika tal-Madonna Ta' Pompej.



Mons Isqof isellem lill-poplu hekk kif spiċċa l-funzjoni ta' filgħodu

sim tal-ward tal-Madonna lil dawk preżenti. Wara Mons. Isqof Cauchi ltaqa' mal-Kommunità tas-Sorijiet Dumnikani, fil-kunvent tagħhom.

L-omeliji tat-tridu tal-festa saru mill-Kanonku Ġorġ Bezzina, mir-Rabat, Għawdex, eks kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana, waqt li l-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci, mexxa t-Translazzjoni u l-quddiesa konċelebrata ta' lejliet il-festa.

Il-mużika ta' lejliet il-festa kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel Grech, waqt li dik ta' nhar il-festa kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard.



Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, f'ritratt tal-okkażjoni mal-Kommunità Dumnikana, fil-Kunvent tagħhom, fir-Rabat, Għawdex, hekk kif spiċċat il-funzjoni ta' nhar il-festa